Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 752/2014

**Argus Insurance Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company Limited (appellanti)**

**Vs**

**Tracy Camilleri (appellata)**

21 ta' Marzu, 2017.

1. Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Dicembru, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddikjara li m'ghandux kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza fejn l-attrici harrket lill-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta':

   (a) €1,833.59 bhala danni, minhabba li kisret il-kundizzjonijiet ta' polza ta' assikurazzjoni tal-vettura TRA 479;
   (b) €106.57 hlas ta' premia dovuti mill-konvenuta ghar-rigward tal-polza ta' assikurazzjoni fuq l-istess vettura.

   It-Tribunal qal:-

   *"Iz-zewg partijiet resqu l-provi taghhom u t-Tribunal semgha dak li ghandhom xi jghidu, huwa tal-fehma illi f'dan il-kaz biex it-Tribunal ikun gust irid jidhol biex jara jekk f'din il-kawza fil-hin li s-socjeta attrici accetat il-htija kellhiex ragun li taccetta dik ir-responsabbilta.*

   *Ghal dan il-kaz il-kawza odjerna ma tibqax biss dik ta' rizarciment mill-konvenuta lis-socjeta' attrici imma jrid jiddeciedi jekk is-socjeta attrici ghamlitx sew li accettat ir-responsabbilta.*

   *Dan it-Tribunal mhux kompetenti li jiddeciedi kawzi ta' htija bejn vetturi o meno u ghalhekk mhux il-forum tajjeb biex jiddeciedi dan il-kaz".*

2. **<u>L-aggravji tal-attrici.</u>**

   L-attrici appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. Il-konvenuta tat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni wara li l-attrici kienet diga' bdiet tressaq il-provi u mhux *in limine litis*. Ghaldaqstant giet li accettat il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

ii. F'kull kaz, il-proceduri li ntavolat l-attrici huma azzjoni ghad-danni *ex contractu* u mhux akwiljani. Il-konvenuta m'ghamlitx claim u baqghet siekta sakemm saru l-proceduri. It-Tribunal ma kellux jidhol fil-meritu tal-incident, li kien ghal kollox estranju ghall-proceduri.

3. Il-konvenuta wiegbet li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza konfermata. Ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-qorti, **Fogg Insurance Agency Limited nominee vs George Fenech** tat-22 ta' Mejju, 2009 u **Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs M. Scifo Diamantino**, Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-15 ta' Marzu, 2013.

4. **<u>Fatti.</u>**

Fil-11 ta' Settembru 2012 sehh incident tat-traffiku fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan li fih kienet involuta l-vettura tal-konvenuta (TRA 479), li kienet assigurata mas-socjeta attrici. Jirrizulta li l-konvenuta m'ghamlitx *claim*. Fl-24 ta' Lulju, 2013 Atlas Insurance PCC Limited u Bridget Calleja sejhu lill-attrici, lill-konvenuta u lil Godwin Bugeja sabiex ihallsu d-danni li saret fil-vettura ta' Calleja bin-numru JES 487. Sussegwentement fl-1 ta' Novembru 2013 l-attrici pprezentat ittra ufficjali kontra Tracy Camilleri fejn gharrfitha li kienet naqset milli thallas l-*excess payment* dovut skont il-polza ta' assikurazzjoni fir-rigward tal-incident in kwistjoni. Eventwlament l-attrici kienet halest lil Calleja ghad-danni li sofriet fil-vettura taghha.

5. **<u>Konsiderazzjoni.</u>**

L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar inghatat bhala eccezzjoni ulterjuri fis-7 ta' April 2015 (ara fol. 32) wara li l-attrici kienet diga' bdiet tressaq il-provi taghha. Ghal dak li jikkoncerna l-ewwel aggravju, il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **Dr. Austin Sammut nomine vs Silvio Mifsud nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju 1994:

*"il-konsegwenza ghall-fatt li konvenut ma jkunx eccepixxa in-nuqqas ta' gurisdizzjoni jew kompetenza meta ghandu jeccepiha, u fil-kaz li ghandha tigi eccepita in limine litis, ma jkunx eccepiha f'dak l-istadju, m'hijiex necessarjament illi allura jkun issottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti li tkun. Dana qed jinghad principalment ghal zewg ragunijiet; l-ewwel ghax wahda mhux necessarjament issegwi ghall-ohra, u t-tieni ghaliex fi kwalunkwe kaz, kif sewwa gie osservat fir-risposta ta' l-appell, kwistjonijiet ta' gurisdizzjoni u ta' nuqqas ta' kompetenza jistghu jitqajjmu anke mill-Qorti ex officcio.*

*Kwantu jirrigwarda n-natura ta' din l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, u cjoe' jekk hijiex wahda dilatorja jew perentorja, evidentement l-appellant qed jikkonfondi l-*

*kwistjoni ta' meritu u kwistjoni ta' azzjoni. Dak illi qalet l-ewwel Qorti huwa fis-sens illi l-eccezzjoni in kwistjoni hija ta'* ***natura perentorja tal-azzjoni quddiem dawn il-Qrati*** *u dana qalitu biss biex tispjega illi effettivament setghet tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta msemmija"* .

Il-qorti taqbel ma' dan l-insenjament u ghalhekk tichad l-ewwel aggravju.

L-attrici tippretendi li l-konvenuta ghandha thallas is-somma ta' €1,833.59 minhabba li naqset milli tirregistra *claim* u b'hekk giet li kisret il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni. Fil-fatt fil-premessi ghall-avviz tat-talba ddikjarat:

*"7. Peress illi l-konvenuta agixxiet bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta attrici hjia awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenuta l-ammont ta' elfejn tmien mija u tlieta u tletin Euro u disgha u hamsin centezmu (€1,833.59) rapprezentanti ……."*

Imbaghad fl-affidavit ta' Dr Roberta Buhagiar (fol. 38-39), xhud tal-attrici, hemm spjegat f'iktar dettal il-pretensjoni tal-attrici, fis-sens li:

i. Il-konvenuta kellha obbligu li taghmel *claim* u thallas l-*excess* skont pagna 10 tal-polza ta' assikurazzjoni;
ii. Skont klawzola 15 tal-polza ta' assikurazzjoni l-attrici kellha jedd tiddeciedi jekk ghandux isir il-pagament lit-terz li kien sofra danni fl-incident;
iii. Skont l-artikolu 15 tal-Kap. 104 l-attrici kellha dritt li thallas danni lit-terzi jekk l-assigurat taghha ma jkunx ghamel claim u l-attrici jkun jidhrilha li l-assigura taghha kien responsabbli ghall-incident tat-traffiku (pagna 15 tal-polza – *settlement of third party claims*).

Fir-rikors tal-appell l-attrici argumentat li-:

*"Mill-avviz tat-talba jirrizulta kjarament illi l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq in-nuqqas tal-appellata illi taderixxi mal-obbligi minnha assunti permezz tal-polza ta' assikurazzjoni – u ghalhekk il-meritu ta' dawn il-proceduri kien jirrigwarda r-relazzjoni kuntrattwali bejn is-socjeta appellanti u l-assigurata taghha ossia l-appellata, ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-Ligi – u mhux l-incident tal-2013".*

Skont paragrafu 1.2 tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387):

*"**Kull tilwima ċivili jew kummerċjali**, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna,* ***li tkun tilwima li toriġina minn:***

***(a)*** *kolliżjoni bejn vetturi, jew*
**(b)** *hsara volontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi; jew*

(c) ***talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrici fuq il-hajja, underwriter approvat mill-Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista tkun responsabbli dwarha……."***

Disposizzjoni ntrodotta bl-Att IX tal-2004 u minnha l-qorti hi tal-fehma li ma tapplikax biss ghal dawk il-kawzi fejn l-attur jitlob danni akwiljani wara kollizjoni bejn vetturi. Il-qorti hi tal-fehma li t-tilwima bejn il-kontendenti tista' titqies li hi tat-tip li torigina minn dak kontemplat f'paragrafu (c), in kwantu hi tilwima fejn l-attrici qeghda ssostni li l-konvenuta hi responsabbli thallas dak li l-attrici halset lil terz bhala danni u spejjez sussidjarji in konnessjoni mal-incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Novembru 2012. Pretensjoni bazata fuq dak li tipprovdi l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) u l-polza ta' assikurazzjoni li l-attrici kienet harget favur il-konvenuta. It-tnejn li huma jissemmew f'paragrafu (c) ta' paragrafu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387. Fil-fatt, din id-disposizzjoni tipprovdi wkoll li t-tilwima tista' tkun wahda civili jew kummercjali, li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti.

Waqt is-seduta tal-10 ta' Marzu 2017 id-difensur tal-attrici invokat l-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12[1]. Il-qorti tosserva:-

i. Is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar inghatat fil-15 ta' Dicembru, 2015.
ii. Paragrafu (b) tal-artikolu 741 tal-Kap. 12 gie ntrodott bl-Att IV tal-2016. Ghalhekk dakinhar li nghatat is-sentenza ma kienx ligi.
iii. Dik id-disposizzjoni mhijiex tikkontempla s-sitwazzjoni prezenti. Hu biss fejn zewg awtoritajiet gudizzjarji jkunu ddecidew li m'ghandhomx kompetenza, li din il-qorti tiddeciedi liema qorti, bord jew tribunal ghandhom il-kompetenza li jiehdu konjizzjoni tal-kawza u tordna li l-atti tal-proceduri jintbaghatu quddiem il-*foro* kompetenti sitwazzjoni li m'ghandniex fil-kaz in ezami.

Il-pretensjoni tal-attrici tinkludi wkoll claim ta' €51.57, premium skont Dok. SP20 (ara affidavit ta' Dr Roberta Buhagiar). M'hemmx dubju li dwar din il-pretensjoni t-Tribunal kellu l-kompetenza li jiddeciedi dwarha. Il-konvenuta ma ressqitx provi li jikkontradicu dak li qalet Dr Buhagiar.

[1] *"L-Av. Ramona Frendo ghall-appellanti ghamlet riferenza ghall-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 li gie emendat sussegwentement ghall-intavolar tal-appell u minghajr pregudizzju ghall-aggravji taghha, titlob illi f'kaz illi li l-qorti jidhrilha illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kienx kompetenti sabiex jisma' dan il-kaz, l-atti jigu rimandati lit-Tribunal kompetenti".*

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell fir-rigward tal-pretensjoni ghall-hlas ta' €1,833.59.**
2. **Tilqa' l-appell in kwantu jirreferi ghall-hlas tas-somma ta' €51.57 relatata ma' hlas ta' premium u tvarja s-sentenza tal-15 ta' Dicembru, 2015 billi tiddikjara li t-Tribunal kellu l-gurisdizzjoni li jiddeciedi dwar dik il-pretensjoni. Ghaldaqstant tvarja s-sentenza tat-Tribunal billi tichad it-tielet eccezzjoni u tilqa' t-talba tal-attrici limitatament ghas-somma ta' wiehed u hamsin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€51.57) u tikkundanna lill-konvenuta thallasha lill-attrici, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru, 2013.**
3. **Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 5% a karigu tal-konvenuta u l-kumplament a karigu tal-attrici.**

Anthony Ellul.